# Is-Sur Ġużeppi Cassar (25.i.1885 – 19.x.1935)
# Promotur taċ-*Circolo San Giuliano*
# u wieħed mill-fundaturi tal-Każin Banda San Ġiljan

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Jingħad li, il-Każin Banda 'San Ġiljan' twaqqaf fl-1927. Wieħed mit-tliet fundaturi kien is-Sur Ġużeppi Cassar, imwieled it-Tuneżija. Dan seħħ fi żmien meta r-raħal marittmu ta' San Ġiljan kien għadu mfittex bħala post ta' villeġġjatura. Ħafna benestanti tal-ibliet kienu jippreferu jmorru jqattgħu x-xhur sħan tas-sajf qrib il-baħar.

Kliem muftieħ: San Ġiljan, Spinola, Ġużeppi Cassar (promotur), Dun Pawl Galea, Mro. Angelo Pullicino, Dr. Gaetano Borg Olivier, Circolo San Giuliano, Circolo Filarmonico San Giuliano, Banda tad-Domus, Knisja ta' Lapsi (San Ġiljan), Każin Banda 'San Ġiljan' San Ġiljan.

Qabelxejn, promotur hija kelma oħra flok organizzatur, inizjatur jew oriġinatur, kulmin jibda xi ħdima jew moviment ġdid, filwaqt li, fundatur hija kelma li tintuża għal dik il-persuna li tiftaħ l-istabbiliment/xirka/fondazzjoni. Issa, kif naħseb li jaf kulħadd, il-każini tal-banda għandhom rabta kbira mal-festa tat-titular parrokkjali f'dak li għandu x'jaqsam ma' festi esterni. Bosta iżda bdew bħala każini soċjali u kien meta għaddew ħafna snin li twaqqfet banda fi ħdanhom biex b'hekk inħolqu l-każini u s-soċjetajiet mużikali.

## Qabel il-Banda San Ġiljan

Huwa fatt magħruf li, sa tmien is-seklu 19, San Ġiljan kien kiseb identità ta' raħal kollu kemm hu tiegħu li kienet tisplodi fix-xhur tas-sajf, u jidher ċar li, ir-raħal kien qed isir post imfittex ta' villeġġjatura.[1] Is-subborg ta' San Ġiljan sar parroċċa fl-1891 u l-festa titulari kienet saret t'attrazzjoni speċjali għall-poplu Malti kollu. Maż-żmien, il-popolazzjoni ta' San Ġiljan bdiet tikber, u sas-sena 1922 kienet tlaħħaq mal-2500, bil-ħajja soċjali tiġi infuwenzata mill-ħafna villeġġjanti li spiss kienu jmorru hemm fis-sajf. Però, ma kien hemm xejn fejn l-irġiel setgħu jiltaqgħu u jgħaddu ftit tal-ħin bejniethom. Fosta dawn it-talin kien hemm min kien ħerqan li jinfetaħ xi każin fejn ikunu jistgħu jiltaqgħu. Ġużeppi Cassar ħa l-inizjattiva li jiġbor lil dawk kollha li riedu jingħaqdu u jiftħu l-każin. Wara li nġabru xi flus għall-kera, instabet dar fil-qalba ta' San Ġiljan, fil-bajja Spinola. Iċ-*Circolo San Guiliano* kien jiġi ffrekwentat minn għadd ġmielu ta' dilettanti fejn kulħadd beda juri interess fl-organizzazzjoni tiegħu u ġie iffurmat kumitat biex imexxieh. Bħala President kien intagħżel Dr. Gaetano Borg Olivier, Karmenu Grech bħala Segretarju, filwaqt li Ġużeppi Cassar kien Teżorier u Promotur tal-Każin. Il-ftuħ uffiċjali tal-każin sar nhar it-23 ta' Marzu, 1923 u tbierek minn Dun Amabile Bonanno fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena. Fis-17 t'Awissu 1924, ġie iffurmat l-ewwel kumitat ġimgħatejn qabel il-festa titulari ta' San Ġiljan. Il-ħsieb tal-Kappillan Bonanno irnexxa għax wieħed mill-iskopijiet ta' dan il-każin kien li

[1] Zammit L. Winston: San Ġiljan mitt sena parrocca 1891-1991 (The centenary of a parish – St. Julians): Kaptitlu 6: San Ġiljan bejn l-1840 u l-1900: Aspetti Soċjali (St. Julians 1840 – 1900: Social Aspects).

jieħu parti attiva fil-festa ta' San Ġiljan u li jikkopera miegħu bil-għan li l-organizzazzjonijiet tal-festa jkunu dejjem mill-aħjar.[2]

Fil-programm tal-festa ta' San Ġiljan Ospitalier – il-Ħadd, 12 t'Awissu 1973 insibu ritratt kbir u lista tal-'Pijunieri tal-Każin tal-Banda'. Dawn kienu l-ewwel nies li ġiethom l-idea u li ħadmu biex fetħu u waqqfu ċ-*Circolo San Giuliano* fl-1924:



| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Bilwieqfa fuq wara** | Ġanni Gauci | Ġiġi Calleja Gera | Rafel Sammut | Ġanni Agius | Salvu Mamo | Nazju Bonello | |
| **Bilqiegħda fuq siġġu** | Karlu Cini | Ġiljan Mallia | Dr. Gaetano Borg Olivier | Rev. Amabile Bonanno | Ġuzeppi D'Amato | Karmenu Grech | Ġuzeppi Cassar |
| **Bilqiegħda fuq l-art** | Ġuzeppi Agius | Ġanmarí Bonnici | | | | Andru Chircop | Anġlu Cefai |

**Il-Banda tad-*Domus* u c-*Circolo San Guiliano* jingħaqdu flimkien**

Sadattant, Dun Pawl Galea ġie lura f'San Ġiljan minn Alġiers. Għal bidu, dan il-qassis żagħżugħ Naduri kien kera mezzanin fi Triq B'Kara biex fih jibda jilqa' lis-subien ta' San Ġiljan għad-duttrina, u mbagħad twebbel li jwaqqaf banda u sab fil-Markiż Joseph Scicluna benefattur biex setgħu jinxtraw l-istrumenti, u f'Mro. Pullicino għalliem tal-allievi u surmast akkanit għall-banda l-ġdida. Il-Banda tad-*Domus* għamlet progress f'qasir żmien. Imma l-ispejjeż u x-xogħol tant kibru li,

[2] Cassar Julian: Programm tal-festa ta' San Ġiljan 1977 (50 sena anniversarju): Il-Banda San Ġiljan, pġ. 25-7.

fl-1927 il-Kappillan Dun Amabile Bonanno kien tal-fehma li, il-Banda tad-*Domus* tinżel fiċ-*Circolo San Giuliano,* u bil-ħidma tas-Sur Ġużeppi Cassar, il-Banda ta' Dun Pawl sabet ruħha hemmhekk, u b'hekk seħħet ir-rabta ta' bejniethom. Tnejn mill-ulied ta' Ġużeppi kienu minn fost tal-ewwel allievi tal-Banda l-ġdida: Ġiljan, li maż-żmien kien sar klarinettista rinomat f'Malta, u Nenu, li kien idoqq il-perkussjoni.

F'laqgħa ġenerali straordinarja tal-Każin ta' nhar il-Ħadd 2 ta' Ġunju 1929, u li għaliha attendew 78 membru, kienet ittieħdet deċiżjoni unanima li, il-Banda ssir parti ntegrali mal-Każin *Circolo San Giuliano*. L-isem uffiċjali tiegħu sar *Circolo Filarmonico San Giuliano*. Xi snin wara dan l-isem inbidel għal Każin tal-Banda 'San Ġiljan' minħabba l-kwestjoni tal-lingwa li kienet qed tiġi politiċizzata.

**Min kien Ġużeppi Cassar?**



Twieled it-Tuniżija fil-25 ta' Jannar 1885 fl-isptar *Saint Louis* u l-għada ġie mgħammed minn Patri Feliċ fil-Parroċċa tas-Salib Imqaddes li kienet fl-Arċidjoċesi ta' Katarġni. Il-parrini tiegħu kienu Carmelo Azzopardi u Agostino Dingli u ngħata l-ismijiet ta' Giuseppe Luigi. Ta' età żgħira tqiegħed f'istitut u studja f'kulleġġ f'Tuneż għal madwar ħdax-il sena. Għalkemm mhux magħruf meta ġie jgħix Malta, kien jitkellem diversi ilsna fosthom, il-Franċiż, tant li bosta rġiel kienu jintasbu madwaru f'misraħ Spinola sabiex jisimgħuh jaqra l-gazzetta u jispjegalhom l-aħbarijiet. Ġużeppi kien irċieva edukazzjoni tajba u kien jaħdem bħala skrivan fit-Tarzna. Għaldaqstant, kien iżomm ruħu pulit u serju ta' bniedem li kien jattira rispett. Filt-28 ta' Ġunju 1913 hu żżewweġ lil Maria Magri fil-knisja ta' Lapsi u minnha kellu lil: Ġiljan (1914), Concetta (1915), Carmelo (1917, li miet ta' ftit xhur), Costanza (1919), Nenu (1921), Ġużi (1923), John (1925), u Madalen (1928). Hu kien jgħix f'dar fil-bajja ta' San Ġorġ, iżda meta nqala' l-mard u kellu bżonn il-kura huwa biegħ did-dar u mar joqgħod fil-kera fid-dar nru.16, Triq Sant Anġlu. Wara attakk ta' puplesija huwa miet f'idejn it-tabib kuranti tiegħu Ruzar Briffa nhar id-19 t'Ottubru 1935 fl-għomor ta' 50 sena.



Ġuzeppi Cassar, li dis-sena jaħbat il-75 anniversarju mill-mewt tiegħu, jibqa' mniżżel fil-paġni tal-istorja ta' dan il-Każin għax kien il-moħħ wara t-twelid tiegħu, talanqas bħala ċentru soċjali, u għalih ħadem qatigħ biex issaħħaħ fl-ewwel snin tiegħu.